**KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar**

**San Pawl il-Baħar Local Council**

*Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869/70*
*Mobile: 99433058 Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*

**Minuti tal-Kontinwazjoni tas-Sitta u Tletin (36) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , It-Tlieta 25 ta' Jannar, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 6.15 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Tkomplija tal-Aġġornamenti**

1.01 Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kien hemm referenza għal każ simili tal-impjegata diskuss il-Hamis li għadda fil-minuti tar-Raba Kunsill, Laqgħa Numru 20 tat-30 ta' April, 2003.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li tinkiteb ittra lill-TM sabiex tiġi solvuta il-problema ta' flooding fi Triq il-Pwales.

Is-Segretarju spjega li din is-sena kienu tnaddfu il-katusi, dorgi u *manholes* ta' din it-triq b'makkinarju ta' apposta minn kuntrattur speċjalizzat f'dan ix-xogħol u issa wieħed irid jara x'jirriżulta meta tagħmel ħafna xita. Dawn kien ilhom is-snin ma jitnadfu sew u kienu mimlijin alka u ramel tal-baħar.

1.02 Il-Kunsillier Jason Camilleri staqsa kull meta kienu qed jitbattlu l'open skips tal-Pwales. Dawn suppost kienu qed jitbattlu kuljum. Huwa talab ukoll li tinkiteb ittra lill-Green Mt biex jerġgħu jibdew jitbattlu l-konteNituri taż-żibel riċiklabli tal-Għassa tal-Pulizija ta' Bugibba.

1.03 Il-Kunsillier Frank Gauci talab li l-pjanti bil-ħofor tan-nar tal-art fil-post tal-proġett tal-MTA jgħaddu lill-perit inkarigat mill-proġett sabiex jiġu integrati fil-proġett.

Huwa talab ukoll li jibda l-ippjanar għat-tiżjin tal-Milied min kmieni. Ġew appuntati il-Kunsilliera Frank Gauci, Raymond Tabone, Raymond Bartolo u Peter Abela sabiex jaħdmu fuq dan. Ġew ukoll appuntati il-Kunsilliera Frank Gauci, Mario Camilleri u Peter Abela sabiex jgħinu fl-attivitajiet tal-Karnival f'SPB f'Marzu. Il-Kunsillier Frank Gauci qal li filwaqt li lest biex jghin fl-organizazzjoni hu ma jkunx jista' jgħin dakinhar tal-attivita'.

Huwa talab ukoll li jitwaħħlu stickers ma' karrijiet tad-dgħajes u vetturi abbandunati fi Triq il-Pwales u dawn jiġu mneħħija mill-Kunsill jekk sidhom ma' jneħħuhomx.

Il-Kunsillier Gauci talab ukoll li TCTC jerġgħu jorganizzaw korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsillier Alfred Grima iddikjara kunflitt ta' interess fuq dan is-suġġett. Il-Kunsillier Ray Tabone ura oġġezzjoni li dawn jiġu organizzati minn TCTC. Ġie approvat li dawn il-korsijiet jiġu organizzati minn TCTC sakemm ma jinkisrux ir-regolamenti finanzjarji.

1.04 Il-Kunsillier Peter Abela talab li jigi ċċekjat il-ħin tal-loading u unloading fi Triq Pwales, issir spezjoni ta' Triq Damasku għax din tiżloq u hi perikoluża, u jiġu introdotti l-Green Wardens fil-lokal ta' San Pawl il-Baħar.

1.05 Il-Kunsillier Ray Tabone talab li jiġu rinfriskati riserved parking bays u sinjali oħra fi Triq Parades.

**2.00 Egħluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fis-6.15p.m.

| | |
|---|---|
| Sindku: Perit Graziella Galea | Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri |
| 22 ta' Frar 2011 | Ref: 55 / 1305 / 11 / OCZ |